IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 39

2 ta` Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta` apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa kien ser jittardja ftit minhabba xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 36(07), 37(07) u 38(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Fil-5.20pm is-Sur Trevor Mizzi jinghaqad fil-laqgha

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

39.2.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li waqt laqgha li huwa flimkien mas-Segretrju Ezekuttiv kellhom mas-Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis, gew infurmati li ma kienx hemm kontinwazzjoni minn Segretarju ghall-iehor ghalhekk ma kienx jaf sew x`kien dak li gara fuq il-learning hub tal-anzjani. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mitlub sabiex nibghatu l-kwotazzjonijiet kollha relatati mall-installazzjoni tal-lift. *(Minuti 37(07) 37.5.20)*

Fuq dan l-istess punt, is-Sindku qal li hekk kif is-sala hija lesta minn kollox, din ghandha tintuza f`kaz li jkun hemm xi konferenza jew jekk xi hadd ikun jixtieq jikrija b`donazzjoni.

Fil-5:34pm Is-Sur Eman Zerafa jinghaqad fil-laqgha.

39.2.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li nhar l-Erbgha 1 ta` Novembru kellu laqgha mall-Onorevoli Ministru Dr.Ian Borg flimkien ma` rapprezentanti tar-Regatta. Is-Sindku spjega li Triq Sally Porte ma kinitx

approvata u li flus m`hemmx ivutati biex issir dan il-progett. Waqt din il-laqgha gie ssuggeriet li l-progett issir taht il-fondi tal-PPP. Is-Sindku qal li klabbs tar-Regatta tal-lokalitajiet ohra saru u dawn saru mill-Gvern Centrali. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel dak kollu possibli, fejn anke hallas il-flus ghall-permessi u l-perit. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill mhux ser ihallas aktar kontijiet relatati ma` dan il-progett ta` Regatta u l-kontijiet jintghatu lill-Kumitat tar-Regatta dirett. Il-Ministru Dr. Ian Borg talab li jintbghatulu l-BOQ, liema dokumenti kienu saru mill-perit tal-Public Works. Is-Sindku konkluda jghid li fil-1994 kien diga bghat lill-Gvern ta` dak iz-zmien fuq l-istat ta` din it-triq. *(Minuti 37 (07) 37.5.3)*

39.2.3 Is-Sur John Boxall qal li fil-post proponut mill-Kunsillier Anton Gellel dwar il-munument ta` La Vallette, ma kienx ser jigi accettat mill-PA. Is-Sindku propona li l-munument issir fejn kien hemm il-gabbana fuq il-belveder fejn Couvre Porte. Dwar dan il-Kunsill qabbel li jiccekja mall-PA. *(Minuti 37(07) 37.5.4)*

39.2.4 Is-Sur John Boxall propona li jsiru aktar bankijiet mill-flus tal-UIF fil-belveder ta` fejn Couvre Porte. *(Minuti 37(07) 37.5.8)*

39.2.5 Dwar l-inizjattiva biex jinghataw xi flus mill-pagi u mill-allowance tal-Kunsilliera, is-Sur Eman Zerafa u s-Sur Trevor Mizzi qabblu li jikkontribwixxu. *(Minuti 37(07) 37.5.10)*

39.2.6 Dwar it-toroq tal-Collachio, il-Kunsill baqa ma sema` xejn meta ser jigu rrangati biex ma jibqghux aktar jizolqu. Is-Sur Gellel ssugerriexa li ssir press release fit-toroq ikkoncernati. *(Minuti 37(07) 37.5.11)*

39.2.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li l-spejjez ta` safar u akkomodazzjoni huma kollha mhallsin mill-Assocjazzjoni wara li kkonfermat mall-project manager *(Minuti 37(07) 37.5.12)*

39.2.8 Is-Sindku, s-Sur John Boxall talab sabiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill jigi mhallas tal-leave minghajr hlas li ser jiehu mill-kumpanija fejn jahdem sabiex jkun jista` jattendi ghall-laqgha generali tal-Assocjazzjoni AVEC. *(Minuti 37(07) 37.5.21)*

39.2.9 Is-Sindku qal li l-cameras li gew installati l-Fortini qeghdin jahdmu u l-kumpanija min installhom qed taghmel l-ahjar mod possibli sabiex numru tal-karrozzi jidhru cari kemm jista` jkun. *(Minuti 37(07) 37.6.2)*

**39.3 Post Mortem Birgufest 2017**

Dan l-item ma giex diskuss u gie deciz biex jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**39.4 Sotto Kumitat Birgufest 2018**

Dan l-item ma giex diskuss u gie deciz biex jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**39.5 Party ghat-tfal tal-Milied**

Wara li gie prezentat il-poster tal-party ta` tfal, il-Kunsill approvah unanimament. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill diga bghat l-ittri tieghu ghad-donazzjonijiet.

**39.6 Is-Sitwazzjoni tal-Istaff**

Dan l-item ma giex diskuss u gie deciz biex jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**39.7 Approvazzjoni tal-Installazzjoni ta` CCTV kameras fil-front office**

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat it-tlett kwotazzjonijiet li ngabu ghall-installazzjoni tal-cameras fil-front office. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabbel li jmur ghall-irhas offerta tal-kumpanija ICT Services.

**39.8 Korrispondenza**

39.8.1 Ittra mibughta lis-Supretendent tal-Pulizija dwar kaz ta` rapport li nkixfet l-identita tas-Sindku wara li dan ghamel rapport mall-ghassa ta` Bormla.

39.8.2 Irrapurtat hsarat fid-dawl fi Triq l-Assedju l-Kbir. Intbghatet korrispondenza lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar dan wara li l-Kunsill ghal diversi drabi irraporta mall-awtoritajiet ikkoncernati imma sfortunatament irrizulta dejjem fin-negattiv. Is-Sindku qal li ser ikellem lis-Sur Gordon Vassallo mill-Grand Harbour Marina dwar din il-problema.

39.8.3 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu li jkun partner fi progett bl-isem Improving Youth Employment in Europe: Through the Promotion of Instruments of Information and Participation taht l-programm Erasmus +.

39.8.4 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li ma setax imur gewwa Turkija wara li l-Kunsill ircieva stedina minghand is-Sindku ta` Beyoglu. Fin-nuqqas tal-prezenza tieghu, attenda l-Konslu Generali, s-Sur Franklin Aquilina.

39.8.5 Mibughta ittra minn naha tal-Eccelenza Taghha President ta` Malta Marie Louise Coleiro Preca dwar inizjattiva gdida fl-okazzjoni tal-Istrina sabiex titpogga l-kelma Istrina f`post prominenti gewwa lokalita.

39.8.6 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat korrispodenza lis-Sur Raymond Zammit dwar il-gwardjani lokali li ntbghatu fil-Birgu propju waqt l-attivita tal-Birgufest 2017. Is-Sur Boxall qal li dan l-issue gie settled.

39.8.7 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu sabix ikun partner fi progett bl-isem Olea Med.

39.8.8 Il-Kunsill ircieva lista ta` planning applications, fejn fost dawn l-applikazzjonijiet hemm applikazzjoni dwar l-imwejjed u siggijiet, umbrellel, canopy u pjanti tal-hanut Cafe du Brazil.

39.8.9 Mibughta ittra ta` ringrazzjament mill-Klabb tar-Regatta Bormla dwar l-ghajnuna li nghatat biex issiru celebrazzjonijiet tar-rebh li klabb ghamel fir-regatta tat-8 ta` Settembru 2017.

39.8.10 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu €47,860.65 UIF Funds sal- 31 ta` Lulju 2017.

39.8.11 Mibughta ittra minn Transport Malta dwar il-monti tal-Kottonera sabiex jinbeda ezercizzju u timtela rassenja kull nhar ta` Tlieta ghal sitt gimghat shah.

39.8.12 Cirk 22/2017 Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita – Libreriji Lokali/Regjonali. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel li juri l-interess tieghu sabiex jigi nstallat dan l-wifi fil-Librerija Regjonali.

39.8.13 Mibughta ittra mill-Assoccjazzjoni Rete sabiex tithallas l-annual fee ta` €200. Is-Sindku propona li din ghandna tithallas u kien hemm qbil unanimu.

39.8.14 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu sabiex ikun partner fi progett li ser jisottomessi il-belt ta` Babolna fl-Ungerija.

39.8.15 Cirk AKL79/2017 – Inizjattiva Tetra ghal Istrina. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess li jippartecipa f`din l-inizjattiva.

39.8.16 Mibughta korrispondenza li laqgha li kellha ssir gewwa Ghawdex relatata mall-progett LADDER giet ikkancellata.

39.8.17 Mibughta kopja ta` expression of interest mill-Kunsill Lokali ta` Zejtun, wara li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab kopja ta` din il-formula.

39.8.18 Cirkulari 30/2017 – Twettiq ta` progetti utli ghall-Komunita bla spejjez ghall-Kunsilli Lokali

39.8.19 Prezentata l-art work tal-kartolina tal-Milied. Il-Kunsill approva unanimament id-disinn tal-kartolina tal-Milied 2017.

39.8.20 Prezentati l-kwotazzjonijet li ngabru ghall-printing ta` 1000 kartolina tal-Milied. Il-Kunsill qabel li jmur ghall-irhas kwotazzjoni dik ta` 5ivestar Printing.

39.8.21 Mibghuta dokumenti relatati mall-progett tat-tisbih tal-area tal-Glaziz lill-Assocjazzjoni Friends of the Earth Malta. (Creating Green Urban Spaces).

39.8.22 Mibughta l-informazzjoni kollha fuq il-progett SOLIDA fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiehu 40% hekk kif jibda l-progett u 60% wara li jispicca l-progett.

39.8.23 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Konsultattiv tan-Nofsinhar ta` Malta fejn gie mahtur bhala membru ghal tlett snin li gejjin mit-2 ta` Ottubru 2017.

39.8.24 Il-Kunsill ircieva ittra mill-Eko-Skola fejn il-Kunsill intalab jghin finanzjarjament biex ihallas is-somma ta` €15 lill-Nature Trust sabiex japplikaw ghal FEE Malta Programmes. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

39.8.25 Mibughta ittra lic-Chairman ta` Transport Malta dwar bankina mkissra fi Triq Nestu Laviera. Din il-hsara giet ikkagunata minn karozza tal-linja wara li telghet fuqa. Il-Kunsill talab sabiex din il-bankina tigi rrangata mill-istess Transport Malta.

39.8.26 Mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar applikazzjoni li l-kumpanija G4S ghamlet mall-ARMS biex jinghata servizz ta` dawl biex jibdew jahdmu l-cameras tal-pjazza.

39.8.27 Prezentanta l-kwotazzjoni ta` Jackson`s Zaqq u Tanbur Folk Group sabiex jigu jdoqqu lejliet il-Milied u fil-Milied. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta` lejliet il-Milied li tammonta ghall-€300.

39.8.28 Prezentata kowtazzjoni ghal disinn ta` mappep 3D, display maps u printing ta` mapep minghand il-kumpanija Blues Ltd. Is-Sindku qal li ser jitlob lill-hwienet u kumpaniji tal-lokal sabiex jghinu lill-Kunsill jaghmel dawn il-mappep.

39.8.29 Prezentata l-kwotazzjoni u disinn ta` sopraporta sabiex tghati l-projector fis-sala ta` fuq fil-Berga ta` Franza. Dwar dan kien hemm diskussjoni jekk ghandhiex isir jew le. Gie approvat disinn C ghall-prezz ta` €690

39.8.30 Gie mibughta ittra minghand il-project leaders tal-progett SOLIDA li laqgha li jmiss ser ssir gewwa l-Kroazja bejn 12 u l-14 ta` Dicembru 2017. Fuq dan l-istess punt, is-Sindku nforma lil dawk prezenti li f`April li gej ser ssir konferenza f`Malta.

39.8.31 Giet mibughta stedina lill-Kunsill mis-Sindku ta` Firenze f`isem Unity in Diversity sabiex is-Sindku jattendi ghal din il-laqgha. Is-Sur Boxall qal li ma jistax ikun prezenti ghal din il-laqgha minhabba mpenji ohra barra minn Malta, u propona li tirraprezentah is-Sinjura Lorraine Spiteri ghal fatt li l-Vici-Sindku ma setax jattendi wkoll. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

39.8.32 Mibughta ittra mis-Sinjura Ritianne Stanyer dwar il-problema tal-gabbana fi Triq La Vallette. Is-Sur Gellel qal li l-Kunsill ghandu jerga` jikkonferma dak li kien qal fl-ahhar laqgha li kellu mar-residenti. Is-Sur Zerafa qal li residenti jixtiequ li jaghmlu protesta u jixtiequ li l-Kunsill jghinnhom fiha. Is-Sur Gellel qal li f`dan l-isatdju l-Kunsill ghandu jhalli lir-residenti jaghmlu din il-protesta. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill kien gie zgwidat u jwaqqa` l-kelma li kien tah fil-bidu nett. Zied jghid li l-Kunsill irid jaghmel l-pozizzjoni tieghu cara. Is-Sur Mizzi qal li ghandha ssir stqarrija. Is-Sur Boxall talab li jinstabu l-minuti tas-sena 2006/2008. Il-Kunsill qabel unanimament li tohrog stqarrija.

**39.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

39.9.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-cameras tal-pjazza ser ssiru nhar it-Tnejn 6 ta` Novembru. Gie ssuggeriet li fin-nofs tal-pjazza ssir un/loading bay ghad-delivery persons.

39.9.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill ma kienx ser johrog l-ebda flus zejda minn tal-Kunsill ghar-restawr tas-sala u l-munument ta` Dun Guzepp.

39.9.3 Is-Sur John Boxall propona li l-Kunsill ghandu jivvota ghall-€5000 sabiex issir il-gemellagg mall-Belt ta` Vignanello fl-Italja. Il-Kunsill b`vot unanimu qabel u approva dawn il-flus.

39.9.4 Is-Sindku ssugeriexxa li kull ittra li ser tintbghat jew intbghatet u l-Kunsill ma ha l-ebda twegiba fuqha ser jerga` jibghata u tintbghat kopja lill-Prim Ministru. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**39.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

39.10.1 Is-Sur Anton Gellel staqsa dwar ix-xoghlijiet li qeghdin issiru fil-klabb tal-bocci tal-Birgu. Dwar dan is-Sindku nfurmah li xoghlijiet regghu bdew issiru.

39.10.2 Is-Sur Trevor Mizzi propona li lill-Heritage Malta ma jinzamulhomx flus ghall-permessi minhabba l-ghajnuna li dejjem insibu minn naha tal-istess Heritage. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

39.10.3 Is-Sur Mizzi ssugerriexa li jigu nstallati dog litter bins f`Couvre Porte, il-Fortini, u x-Xatt. Dwar dan ser jingiebu l-kwotazzjonijiet.

**39.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3753 sa` BOV 3855 u cekkijiet numru HSBC 9648 sa` HSBC 9662 u cekk numru BOV 3817 u HSBC 9659 gew ikkancellati. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 28 ta`Settembru 2017 sa` 2 ta` Novembru 2017.

## 39.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Il-seduta tal-laqgha li jmis giet aggornata ghas-16 ta` Novembru fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati llum 30 ta` Novembru 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |